**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**Rikors guramentat nru ; 238/ 2024 AGV**

MF

Vs

VC

Il-Qorti;

Rat ir- Rikors Mahluf ta' M F

Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma;

1. Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet twieled tife JC li twieled nhar il-hmistax ta' Mejju tas- sena elfejn u hdax (2011) illum ghandu hdax il-sena;

2. Illi dawn il-proceduri kienu bdew wara li l-esponenti kienet qalghet xebgha minghand missier it-tifel li ghandhom il-partijiet u cioe' JC it-tifel, fid-dar taghha wara li prova jghallaqha quddiem it-tifel b`habel fil-prezenza tat-tifel, Dan l-incident sehh fl-14 ta' Jannar 2024;

3. Illi gara li l-esponenti kienet id-dar ma' bin il-partijiet kien is-Sibt u l-espoenti kien hemm tahbit mal-bieb fin-12:30am marret tiftah u sabet lil intimat fil-bieb ghal bidu beda jkellimha imbaghad qabad il-habel li kellu f`idu dawwarulha ma' ghonqa u kien kwazi ha jifgaha bih illi l-esponenti bdiet tghajjat ghall-ghajjut u kien it-tifel li dahal fil-kamra tas-sufan fejn kienet ghandha bil-habel ma' ghonqha u f`dak il-hin telaq il-habel u qabad itiha bil-ponn fuq wiccha;

4. Illi dan kien it-tieni episodju ta' vjolenza fuq l-esponenti kien hemm iehor meta kienu quddiem it-tifel sawwat lil-esponenti izda hi ma kienetx ghamlet ir-rapport pero' ghandha medical report li fih jirrizulta li kien qasmilha rasha u kellha anke taghmel 4 punti;

5. Illi sussegwentament infetah rikors b`urgenza u l-ewwel Qorti akkordat ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C skond l-artikolu 37(2) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-intimat beda jheddet li ser jitlaq minn Malta u li ma jridx jikkontribwixxi xejn ghat-tifel fil-medjazzjoni kien ostili;

7. Illi l-esponenti ghandha biss qalbha l-interess tal-minuri din l-Onorabbli Qorti ghalqet il-proceduri ta' medjazzjoni ghax il-partijiet ma sabux kompromess izda l-espoenti ghandha bzonn li hi jkollha f`idha l-kura u l-kustodja tal-minuri u anki li tiehu decizjonijiet kollha fil-konfront tieghu mhux ser jerga jigi lura u ghalhekk ser jigi intavolat rikors sabiex jigi rapprezentat minn kuraturi deputati jekk sas-smiegh jibqa' ma jirritornax Malta;

8. Illi r-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizjoni mehtiega sabiex tipprocedi f`dina l-istanza kontra l-intimat skont kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat bhala <u>Dokument MF1;</u>

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tafda lir-rikorrenti l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri JC li twieled nhar il-hmistax ta' Mejju tas- sena elfejn u hdax (2011) Salv l-access tal-intimat ghall-istess iben minuri;

2. Tawtorizza lil-espoenti tiehu d-decizjonijiet relatati mas-sahha u edukazzjoni u specjalment il-kura u l-kustodja ta' JC wahidha u minghajr il-htiega tal-kunsens tal-missier u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

3. Tordna li r-residenza ordinarja tal-minuri JC u li twieled nhra il-hmistax ta' Mejju tas -sena elfejn u hdax (2011) tkun mar-rikorrenti ommha;

4. Tvesti lil ommu bil-patria potestas tal-minuri taghtiha s-setgha li hi wahidha minghajr ebda htiega ta' firem tal-intimat tista;

    a. Tiehu d-decizjonjiet dwar is-sahha tal-minuri JC ;

    b. Tiehu decizzjonijiet dwar l-edukazzjoni tal-minuri JC li twieled fil hmistax ta' Mejju tas- sena elfejn u hdax (2011);

    c. Tapplika ghall-passaport JC LI twieled fil -hmistax ta' Mejju tas -sena elfejn u hdax (2011) minghajr il-htiega tal-firma tal-intimat;

    d. Izzomm fil-kustodja taghha l-passaport tal-minuri li twieled fil hmistax ta' Mejju tas sena elfejn u hdax (2011);

    e. Tiffima kull dokument li hu mehtieg fejn mitlub firem taz-zewg genituri wahidha;

U dan fl-ahjar interess tal-minuri JC u li twieled nhar il-hmistax ta‘ Mejju tas sena elfejn u hdax (2011);

5. Tillikwida tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti manteiment adegwat li jirrifletti l-bzonnijiet ta ibnu JC f`ammont ta‘ mhux inqas minn erbgha mitt ewro (€400) kull erbgha gimghat oltre nofs l-ispejjez ta‘ edukazzjoni u sahha b`dana pero l-obbligu tal-missier li jipprovdi mateniment anki meta jkun maggorenni tenut kont id -dizabilta‘ tieghu u dana skont il-ligi;

6. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel il-pagament tal-manteniment kull erbgha gimghat lil-omm permezz ta‘ bank transfer;

7. Tordna li kwalkunkwe childrens allowance u beneficcji ohra rigwardanti l-minuri ghadnha tircevihom r-rikorrenti;

8. Tordna li l-passaport tal-minuri ghandu jinzamm mill-esponenti;

9. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-wild minuri fosthom izda mhu limitatament dwar kif ghandu jigi regolati s-safar tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukativi ohra u extra kurrikulari;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b`riserva ghall-kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti

**Rat ir- Risposta Guramentata tal-kuraturati Deputati l-Avukat Dr. Charmaine Cherrett (ID 380578M) U L-Prokuratur Legali Luisa Tufigno (ID 516077M)**

Jesponu bir-rispett;

Illi l-esponenti ghandhom ma humiex edotti mill-fatti;

Illi l-espoenti jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxilhom ikunu edotti mill-fatti

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talba biex omm ta' tifel tinghata s-setgha shiha ta' genitur, ad eskluzjoni tal-missier, u tibda tircievi manteniment ghall-istess minuri, flimkien ma' diversi talbiet ohra. Peress illi l-konvenut huwa assenti minn Malta, u l-attrici m'ghandha ebda informazzjoni dwar ir-residenza kurrenti tieghu, f'dawn il-proceduri kellhom jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrappresentaw l-interessi tieghu. Ladarba ma seta' jsir ebda kuntatt mal-konvenut, il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti tal-attrici, u ghalhekk il-provi prodotti mill-attrici huma ikkunsidrati bhala fatti ippruvati ghall-Qorti.

Flimkien mar-rikors guramentat, l-attrici ressqet affidavit taghha u provi ohra dokumentarji, in sostenn tat-talbiet maghmula minnha. Minn dawn il-provi irrisulta li r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kienetx wahda facli u felici. Fl-affidavit taghha l-attrici spjegat id-diversi incidenti vjolenti li sofriet taht idejn il-konvenut, sahansitra anke fil-presenza tat-tifel, liema incidenti huma ikkorroborati minn provi ohra prodotti minnha stess. Hi spjegat kif il-konvenut ftit li xejn kien ippartecipa fit-trobbija tat-tifel, u li dejjem hadet hasieb hi ghall-bzonnijiet tal-minuri.

Illum l-attrici ghandha bzonn li l-kura w kustodja ta' binha tigi regolata b'sentenza tal-Qorti, sabiex ma jkollhiex ghalfejn kull darba titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tikseb id-dokumenti necessarji ghall-bzonnijiet tal-minuri kwantu dawn jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni tieghu, u dawn minghajr il-htiega tal-kunsens jew firma tal-missier. Ghalhekk l-attrici kellha tistitwixxi dawn il-proceduri sabiex din il-materja

tigi indirizzata mal-awtoritajiet lokali koncernati. Di fatti, hi kienet fethet proceduri ta' medjazzjoni f'Jannar 2024 sabiex tfittex li l-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju, izda minflok, il-konvenut telaq minn Malta fil-mori tal-istess proceduri.

Tenut kont, ghalhekk, ta' dawn il-fatti fil-qosor, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet kollha, stante illi ma tara ebda raguni biex dawn jigu michuda. Il-Qorti dejjem ghandha tfittex li thares l-interessi tal-minuri f'kazijiet bhal dawn, u in vista illi l-missier huwa assenti mill-hajja tal-istess minuri, l-attrici ghandha tinghata s-setghat kollha li tippermetti l-ligi f'dan ir-rigward.

Kwantu ghat-talba tal-manteniment, din ukoll ghandha tintlaqa', ghalkemm ser jkun difficli hafna ghall-attrici li tirkupra l-manteniment minn persuna illi ma tinsabx Malta u r-residenza taghha m'hijiex maghrufa. F'kazijiet bhal dawn, il-Qorti solitament tillikwida somma vicin il-minimu li jinghata. F'dan il-kaz, il-Qorti sejra tinkorpora l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni fis-somma dovuta bhala manteniment, biex possibilment dawn jkunu rekuperabbli aktar facilment fl-eventwalita' li l-konvenut jinstab. Ghalhekk, il-Qorti sejra tillikwida manteniment ghall-minuri fis-somma ta' erba' mija w hamsin Ewro (€450) fix-xahar, liema somma tinkludi s-sehem tal-konvenut ghall-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni kif gia' inghad. Dan l-ammont ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut ghall-bzonnijiet tat-tifel anke wara li jaghlaq l-eta' ta' 23 sena, in vista tal-

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA’ T-TALBIET ATTRICI.

1. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri JC twieled nhar il-hmistax ta’ Mejju tas- sena elfejn u hdax (2011).

2. Tawtorizza lil-esponenti tiehu d-decizjonijiet relatati mas-sahha u edukazzjoni u specjalment il-kura u l-kustodja ta’ JC wahidha u minghajr il-htiega tal-kunsens tal-missier u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

3. Tordna li r-residenza ordinarja tal-minuri JC u li twieled nhar il-hmistax ta’ Mejju tas -sena elfejn u hdax (2011) tkun mar-rikorrenti omm;

4. Tvesti lil ommu bil-patria potestas tal-minuri u taghtiha s-setgha li hi wahidha minghajr ebda htiega ta’ firem tal-intimat tista;

   - Tiehu d-decizjonjiet dwar is-sahha tal-minuri JC

   - Tiehu decizzjonijiet dwar l-edukazzjoni tal-minuri JC li twieled fil hmistax ta‘ Mejju tas- sena elfejn u hdax (2011);

   - Tapplika ghall-passaport JC li twieled fil -hmistax ta‘ Mejju tas -sena elfejn u hdax (2011) minghajr il-htiega tal-firma tal-intimat;

- Izzomm fil-kustodja taghha l-passaport tal-minuri li twieled fil hmistax ta‘ Mejju tas sena elfejn u hdax (2011);

- Tiffima kull dokument li hu mehtieg fejn mitlub firem taz-zewg genituri wahidha;

U dan fl-ahjar interess tal-minuri JC u li twieled nhar il-hmistax ta‘ Mejju tas sena elfejn u hdax (2011);

5. Tillikwida, tikkundanna u tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti manteniment adegwat li jirrifletti l-bzonnijiet ta‘ ibnu JC fl-ammont ta‘ erbgha mija w hamsin ewro (€450) fix-xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ta‘ edukazzjoni u sahha, b`dana pero l-obbligu tal-missier li jipprovdi mateniment anki meta jkun maggorenni tenut kont id -dizabilta‘ tieghu u dana skont il-ligi;

6. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel il-pagament tal-manteniment kull xahar lill-omm permezz ta‘ bank transfer;

7. Tordna li kwalkunkwe childrens allowance u beneficcji ohra rigwardanti l-minuri ghandha tircevihom r-rikorrenti;

8. Tordna li l-passaport tal-minuri ghandu jinzamm mill-esponenti;

9. Tawtorizza lill-omm issiefer mal-minuri minghajr il-htiega ta’ kunsens tal-missier, kif ukoll li tapplika wehidha ghall-bzonnijiet

kollha tal-minuri, kemm ta' sahha kif ukoll ghall-iskola u attivitajiet edukativi ohra u extra kurrikulari;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati provizorjament mill-attrici, izda jigu rekuperabbli fl-intier taghhom mill-konvenut hekk kif tigi stabbilita r-residenza ordinarja tieghu.

**Imhallef**

**Onor.  Anthony G Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**